MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 75/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ryan Mangion**

Numru 75/13

Illum 9 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Ryan Mangion**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Jesmond u Mary neé Cassar, imwieled Pietà, fl-20 ta' Mejju 1991, residenti 43, 'Jensis', Triq St.

Vincent de Paule, Luqa, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 272291(M), akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar 2013, ghall-habta ta' 5.00 wara nofs in-nhar u fiz-zminijiet qabel waqt li kien qieghed gewwa l-Port tal-Imgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta kannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Ryan Mangion hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "BCS 4" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------